VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,957, 6 ta' Marzu, 2018
Taqsima B

A.L. 73 tal-2018

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu fid-Dipartimenti tal-Gvern

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2(1) u (3) tal-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, bi ftehim mal-Ministru għall-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu fid-Dipartiment tal-Gvern u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu fid-Dipartiment tal-Gvern, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S.35.01

Emenda tal-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fl-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, taħt l-intestatura 'Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali' għandha tiżdied il-partita ġdida li ġejja:

"Għall-esekuzzjoni ta' talbiet għall-infurzar ta' ordnijiet Ewropej għall-preservazzjoni tal-kontijiet, skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 655/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi proċedura ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru transkonfinali tad-dejn f'materji ċivili u kummerċjali ……...…… 100.00".